MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 390/1994/1

**Emanuel Mifsud**

**v.**

**Paul Abela**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-konvenut jinsab id-debitur tal-attur nomine (*sic*) fis-somma ta' elf, disa' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1910.75c) rappresentanti bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-prezz ta' gebel mibjugh u

ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut u liema prezz ghadu ma thallasx; illi interpellat ihallas lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' Lm1910.75, il-konvenut baqa' inadempjenti; illi kif jirrizulta mill-*affidavit* anness bhala Dokument A, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tal-attur nomine huwa cert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-istess attur nomine, il-konvenut ma ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida f'din il-kawza kontra t-talba tal-attur nomine ghall-hlas tas-somma dovuta; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); 2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf disa' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1910.75c) rappresentanti bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-prezz ta' gebel mibjugh u ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut u liema prezz ghadu ma thallasx; bl-ispejjez kontra l-konvenut komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja ta' Frar 1994 u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Dicembru 1993 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine (*sic*) u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Illi l-kontendenti kienu ftiehmu illi l-eccipjent kellu jaghmel xoghol ta' bini lill-attur u l-konvenut kellu jithallas permezz tal-valur ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3,500) gebel u valur ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3,500) trasferiment ta' *truck*, b'dan li l-attur kellu jhallas lill-konvenut id-differenza fil-flus - dan ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza; konsegwentement meta saru l-konteggi l-eccipjent ma fadallux jaghti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tmintax (18) ta’ Ottubru, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk: “… filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif dedotti, tilqa’ t-talba attrici limitatament però ghall-ammont ta’ Lm704.75 u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut li jhallas lill-attur dana l-ammont flimkien mal-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv. Il-kap ta’ l-ispejjez jithallas kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“… li f’din il-kawza l-attur Emanuel Mifsud qieghed jitlob hlas bilancjali ta’ Lm1910.75c bhala prezz ta’ gebel fornit lill-kon[v]enut. Il-konvenut essenzjalment jeccepixxi li l-ammont dovut - li kellu jkun b’kollox fl-ammont ta’ Lm3,500 - gie pacut bi trasferiment ta’ trakk. Jirrizulta wkoll li bejn il-partijiet sar ftehim in iskritt esebit a fol. 97 u 98 fil-process. Gew esebiti inoltre prospetti li fihom kull parti kontendenti elenkat dak li hallset jew irceviet bi hlas skond il-kaz mill-kontroparti.

“Illi ghandu jinghad mill-ewwel li minkejja li gie esebit il-ftehim li suppost kellu juri l-qaghda ezatta li torbot lill-kontendenti, ir-realtà tas-sitwazzjoni kienet turi xi haga aktar kontrastata.

“Illi jibda biex jinghad li proprjament il-kuntratt surreferit kien jinkludi persuna ohra - u cjoè lil Joseph Mifsud, hu l-attur - li però la hija parti fil-kawza in ezami u lanqas ma giet prodotta b’xhud. “Illi minn dak li xehed l-attur stess, dan Joseph Mifsud sa certu punt kien jiccentra wkoll fil-vertenza ghaliex kif xehed l-attur stess (ara fol. 27),

‘*Ix-xoghol konna shab jiena u hija, li jiena kelli x’naqsam ma’ Lm3,500 u hija kellu x’jaqsam ma’ xi trakk. B’hekk kien imsemmi xi trakk li jsir xi transfer u jzommu*’.

“Aktar ’il quddiem imbaghad (fol. 28) l-attur jghid li b’kollox hu u huh kellhom jiehdu minghand il-konvenut l-ammont ta’ Lm7,000 - u cjoè Lm3,500 kull wiehed. Jghid ukoll li

billi t-trakk ittiehed minn huh, il-kont jew il-parti dovuta lil huh Joseph, giet saldata mill-konvenut mentri l-kreditu tieghu kien baqa' skopert bl-ammont mitlub fic-citazzjoni.

"Il-konvenut invece jeccepixxi li l-ammont kollu dovut kien ta' Lm3,500 u li dan gie pacut bit-trasferiment tat-trakk.

"Illi l-Qorti tibda billi tirrileva li l-ftehim - ara Dok EM1 - fol. 97/98 isemmi tliet forom ta' pagamenti, jigifieri,

- parti tpartit ma' trakk - Lm3,500.
- parti tpartit valur ta' gebel ghal valur ta' Lm3,500, bil-prezz ta' Lm3 vjagg soll u ta' Lm4 prezz gebel tajba
- parti, kumplament flus.

"Mela, indipendentement ghalissa mill-intenzjoni tal-partijiet kontraenti (li dwarha l-kontendenti m'humiex konkordi), dan il-ftehim juri li

1. il-valur tat-trakk ma kienx jiddistingwi bejn hlas dovut lill-attur minn hlas dovut lil huh Joseph Mifsud.
2. Li, f'kull kaz, il-valur tat-trakk ma kienx necessarjament ikopri u jpaci per saldu l-ammot dovut lill-attur u lil huh, ghax fil-fatt bhala modalità addizjonali f'dak li huwa pagament jisemmew flus ukoll.

"Punt iehor ta' divergenza bejn il-partijiet jirrigwarda r-rata ta' hlas ghall-gebel fornit lill-konvenut, u dana minkejja illi l-ftehim milhuq bl-assistenza ta' l-A.I.C. Charles Buhagiar kien intiz biex ikun kollox car u traspartenti. Il-partijiet ma jaqblux dwar il-kwantità ta' gebel realment fornit mill-attur. Dan ghaliex il-konvenut xehed li f'certu stadju dak li vjagg gebel kien jikkontjeni 25 kantun gie ridott ghal 20 kantun u in segwitu ghall-25 [*recte*: 15]-il kantun. Fl-istess waqt però jirrizulta li l-konvenut xorta wahda baqa' jiehu gebel minghand l-attur u, jekk kien hemm xi protesta ghal dan it-tnaqqis, din saret biss bil-fomm.

"Illi, minbarra dan, il-konvenut jghid ukoll li ghal dawk il-vjaggi gebel li garrhom hu - il-prezz ta' kull vjagg kellu jinzel bin-nofs. Dwar dan però il-ftehim ma jipprovdi xejn.

"Illi nuqqas ta' qbil iehor - wiehed bazilari - hu jekk il-prezzijiet kellhomx ikunu fissi jew soggetti ghal varjazzjoni minhabba d-dekors ta' zmien. Fil-fehma tal-Qorti, il-kuntratt innifsu jikkontempla possibiltà ta' varjazzjoni fil-prezz u di fatti klawsola 3.11 (fol. 97 tal-process) tistipula kif gej,

'*Jekk joghla l-prezz tal-materjal id-differenza fil-prezz tax-xoghol tinhareg mis-sid kemm-il darba z-zieda ssir fiz-zmien tal-kuntratt; jekk iz-zieda ssir wara z-zmien tal-kuntratt, id-differenza tinhareg mill-kuntrattur*'.

"Illi meta wiehed ghalhekk jikkunsidra s-suespost u jiehu kont tal-fatt li l-prezzijiet kienu soggetti ghal varjazzjoni fil-prezz, kien allura jispetta maggorment lill-attur biex iforni l-prova dwar jekk iz-zieda minnu mitluba kenitx 'wara z-zmien tal-kuntratt' jew le. Minbarra da, l-attur lanqas jichad li l-konvenut, minkejja li baqa' jiehu vjaggi gebel minghandu, kien hemm tnaqqis f'dak li huwa numru ta' knaten forniti. Il-Qorti wkoll innutat li filwaqt li l-attur xehed fis-sens li s-sehem tieghu proprjament kellu jkun fl-ammont ta' Lm3,500, hu in realtà (ara prospett fol. 41 tal-process) kellu jiehu Lm5,449.87c. Dwar dan il-Qorti aktar thoss li hija attendibbli dik il-parti mid-depozizzjoni tal-konvenut u elaborata minnu fin-nota minnu esebita (ara fol. 58 tal-process) li darba li jigi accettat li l-ftehim dwar prezzijiet kien suggett ghal possibiltà ta' varjazzjoni fil-prezzijiet, allura jfisser ukoll li jrid jinghata kont ghal dak anke li xehed dwaru l-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, u tenut kont tal-provi prodotti, ghandhom jigu accettati kemm il-pretensjoni attrici ghall-bilanc ta' Lm1910.75c, kemm ukoll il-pretensjoni tal-kontroparti fis-sens li din ghandha tonqos bis-somma ta' Lm1,206, b'hekk li l-attur jigi li ghandu jiehu biss l-ammont ta' seba' mija u erba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm704.75c) u dan bi hlas per saldu."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru (*sic*) 2001 u illi, filwaqt illi tilqa' l-

eccezzjoni ta' l-appellant, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell u l-appell incidentali ta' l-attur illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tat-18 ta' Ottubru 2001 billi tikkonfermha inkwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu ikkundannat lill-konvenut appellant jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm704.75c u ddisponiet mill-kap tal-ispejjes billi ordnat li dawn jithallsu kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut u minnflok tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut appellant jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1910.75c, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentat[a] tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effett[iv] u bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat dwar l-appell interpost mill-konvenut:

Illi minn ezami tar-rikors ta' appell jirrizulta illi, essenzjalment, l-aggravju tal-konvenut appellant kontra s-sentenza appellata jikkonsisti f'dak illi jinghad fil-penultimu paragrafu ta' l-istess rikors hawn taht riprodott, senjatament f'dik il-parti illi sejra tigi sottolineata minn dina l-Qorti:
"Illi qabel id-decide l-ewwel Qorti accettat il-pretenzjoni ta' l-attur ghall-bilanc ta' Lm1,910.75 u fl-istess waqt accettat dak li deherilha li kienet il-pretenzjoni tal-konvenut li din ghandha tonqos b'Lm1,206. Però il-pretenzjoni tal-konvenut ma kienitx hekk. <u>Il-pretensjoni tal-konvenut kienet illi baqa' bilanc favur tieghu ta' Lm1,206</u>. Jigifieri mhux talli l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur imma huwa l-attur li ghandu jhallas LM1,206 lill-konvenut";

Minn ezami tan-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 19) jirrizulta illi l-aggravju ta’ l-appellant huwa ghal kollox infondat. Infatti, permezz ta’ l-imsemmija nota ta’ eccezzjonijiet, il-konvenut avanza eccezzjoni wahda biss kontra t-talba attrici. Din l-eccezzjoni taqra hekk:
“Illi l-kontendenti kienu ftiehmu illi l-esponent kellu jaghmel xoghol ta’ bini lill-attur u l-konvenut kellu jithallas permezz tal-valur ta’ tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) gebel u valur ta’ tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) trasferiment ta’ *truck*, b’dan li l-attur kellu jhallas lill-konvenut id-differenza fil-flus - dan ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza; konsegwentement meta saru l-konteggi l-eccipjent ma fadallux jaghti” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Mill-parti tac-citata eccezzjoni illi giet sottolineata minn dina l-Qorti jemergi car illi l-konvenut ma avanza ebda pretensjoni bhal dik illi qed javanza fir-rikors ta’ appell, jigifieri illi huwa kreditur ta’ l-attur;

Dina l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi kieku l-konvenut kien qed jippretendi illi huwa kreditur ta’ l-attur huwa seta’ javanza din il-pretenzjoni tieghu gjudizzjarjament jew billi flimkien man-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu jintavola id-debita kontro-talba - haga illi l-konvenut ma ghamilx - jew billi, bhala attur, jistitwixxa proceduri separati kontra l-attur odjern - haga illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi ghamel;

Tajjeb illi jinghad ukoll - ghalkemm mhux strettament mehtieg ghall-fini tad-determinazzjoni ta’ l-aggravju in ezami - illi minn dak illi hemm *in calce* ta’ l-ewwel pagina tad-dokument PA1 (fol. 58), esebit mill-konvenut permezz ta’ nota ipprezentata waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fl-ghoxrin (20) ta’ Novembru, 1995, (fol. 57) jirrizulta illi l-pretensjoni tal-konvenut hija illi mill-ammont ta’ Lm1910.75 reklamat mill-attur fl-att ta’ citazzjoni kellu jonqos l-ammont ta’ Lm1206. Precizament hekk ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat dwar l-appell incidentali ta’ l-attur:

Illi, qabel xejn, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi s-sottomissjonijiet maghmula fis-suparagrafi ii)a) u ii)b) tal-paragrafu 5) tar-risposta ta' l-appell - liema paragrafu jikkontjeni l-appell incidentali ta' l-attur - ma jimmeritawx konsiderazzjoni ghaliex huma sostanzjalment bazati fuq l-asserzjoni illi, fi kliem l-attur, jezistu "*… invoices **affirmati minnu***" (mill-konvenut). Dina l-Qorti ma tafx jekk dawn l-*invoices* jezistux; taf zgur, però, illi fost l-atti processwali ma hemm ebda *invoice*, wisq anqas xi *invoice* iffirmata mill-konvenut. *Quod non est in actis non est in mundo*. F'dan ir-rigward, a skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jigi rilevat illi d-dokument A (fol. 37 sa 41), esebit mill-attur permezz ta' nota pprezentata waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1995 (fol. 36), ma jista' b'ebda mod jigi konsidrat bhala *invoice*; infatti, fin-nota illi ghadha kemm issemmiet id-dokument A huwa indikat bhala "prospett";

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu 5)ii)c) tar-risposta ta' appell l-attur jissottometti hekk:

"Illi l-fatt illi l-konsenji ta' gebel saru fuq periodu ta' hames snin, precizament minn Ottubru tas-sena 1988 sa Dicembru tas-sena 1993, kellu jindika lill-ewwel Onorabbli Qorti illi r-rati originarjament stabiliti bejn il-kontendenti fl-iskrittura ta' appalt kienu qeghdin jigi applikati f'epoka meta ma kienx previst mill-kontendenti (almenu mill-attur) illi kienu sejrin jigu applikati meta giet iffirmata l-iskrittura ta' appalt";

Dwar din is-sottomissjoni dina l-Qorti ma ghandhiex wisq xi tghid - apparti r-rizerva illi sejra tissemma' aktar tard - ghaliex, minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Qorti ma eskludietx il-possibiltà illi jkun hemm varjazzjoni fil-prezz tal-gebel kif stabbilit fl-imsemmija skrittura ta' appalt. Però, l-ewwel Qorti marret oltre, kif jidher mis-segwenti silta mis-sentenza appellata (pagini 7 u 8 tas-sentenza):
"Illi nuqqas ta' qbil iehor - wiehed bazilari - hu jekk il-prezzijiet kellhomx ikunu fissi jew soggetti ghal varjazjoni

minhabba d-dekors ta' zmien. Fil-fehma tal-Qorti, il-kuntratt innifsu jikkontempla l-possibiltà ta' varjazzjoni fil-prezz u di fatti klawsola 3.11 (fol. 97 tal-process) tistipula kif gej,

'*Jekk joghla l-prezz tal-materjal id-differenza fil-prezz tax-xoghol tinhareg mis-sid kemm-il darba z-zieda ssir fiz-zmien tal-kuntratt; jekk iz-zieda ssir wara z-zmien tal-kuntratt, id-differenza tinhareg mill-kuntrattur*'.

"Illi meta wiehed ghalhekk jikkunsidra s-suespost u jiehu kont tal-fatt li l-prezzijiet kienu soggetti ghal varjazzjoni fil-prezz, kien allura jispetta maggorment lill-attur biex iforni l-prova dwar jekk iz-zieda minnu mitluba kenitx 'wara z-zmien tal-kuntratt' jew le".

Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti qieset illi l-attur ma rnexxilux jaghmel il-prova imsemmija fl-ahhar sentenza tas-silta appena citata. F'dawn ic-cirkostanzi, is-sottomissjoni in ezami ta' l-attur ma tistax titqies valida;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi r-rizerva illi ghandha dina l-Qorti u illi ssemmiet aktar 'l fuq hija dwar il-prezz tal-gebel konsenjat mill-attur lill-konvenut wara illi saret il-konsenja tal-kwantità ta' gebel illi l-valur tieghu jammontaw ghal Lm3500, kalkolat *ai termini* ta' l-imsemmija skrittura ta' appalt. Dina r-rizerva hija dovuta ghall-fatt illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, jekk mill-atti processwali jirrizulta illi l-attur baqa' jbiegh u jikkonsenja gebel lill-konvenut wara illi kienet sodisfatta s-somma ta' Lm3500 fit-termini imsemmija fis-sentenza immedjatament qabel din, il-bejgh relativ ghandu jigi konsidrat illi sar bil-prezz allura vigenti tas-suq. La darba din hija l-fehma ta' dina l-Qorti, hija valida s-segwenti sottomissjoni - jew aggravju - ta' l-attur, maghmula fil-paragrafu 5)ii)d) tar-risposta ta' appell:
"Illi r-rati miftehma fil-ftehim tal-appalt jistghu jigu applikati biss ghall-vjeggi ta' gebel li saru in ezekuzzjoni tal-obbligu ta' hlas tal-korrispettiv mahsub fil-ftehim bhala pagabbli lill-konvenut. *Una volta* s-somma ta' Lm3500 (hekk miftehma bhala korrispettiv) giet issuperata, ir-rati

applikabbli saru dawk korrenti u generalment pagabbli fis-suq”;

Dan premess, dina l-Qorti wara illi ghamlet l-ezercizzju laborjuz mehtieg fic-cirkostanzi, tasal ghall-konkluzjoni illi l-imsemmija somma ta’ Lm3500 giet sodisfatta pjenament mal-konsenja illi mid-dokumenti esebiti miz-zewg kontendenti jirrizulta illi saret fis-sittax (16) ta’ Settembru, 1993 (fol. 41, 63 u 87). Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi waqt l-imsemmi ezercizzju hija kkonsidrat illi sakemm giet sodisfatta l-imsemmija somma ta’ Lm3500, vjagg gebel kellu jkun fih hamsa u ghoxrin (25) kantun, l-ammont ta’ knaten illi jirrizulta illi kien jikkontjeni vjagg gebel meta giet iffirmata l-iskrittura ta’ appalt in kwistjoni. Il-gebel illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut, wara illi giet sodisfatta l-imsemmija somma ta’ Lm3500, huwa dak illi fid-dokument A esebit huwa indikat fil-partiti datati mit-tmintax (18) ta’ Settembru, 1993 sas-sebgha (7) ta’ Dicembru, 1993 (fol. 41), tal-valur komplessiv ta’ tmien mija u tmienja u tletin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm838.75). Dan huwa l-ammont illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell interpost mill-konvenut billi tichdu u tipprovdi dwar l-appell incidentali interpost mill-attur billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens infraskritt:
(i) tikkonfermaha kwantu irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kwantu ordnat illi ghandu jithallas l-imghax kummercjali fuq l-ammont dovut mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv u kwantu pprovdiet dwar il-kap ta’ l-ispejjes;

(ii) tirrevokaha kwantu laqghet it-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ Lm704.75 u kkundannat lill-konvenut illi jhallas lill-attur dana l-ammont u minflok tilqa’ t-tieni (2) talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u tmienja u tletin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm838.75);

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati hekk: dawk konnessi ma’ l-appell interpost mill-konvenut jigu sopportati kollha mill-istess konvenut u dawk konnessi ma’ l-appell incidentali interpost mill-attur jigu sopportati bin-nofs (1/2) bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------